*kwalunkwe nuqqas ta' sinjali fit-toroq li jista' jirriżulta, qatt ma jista' naqqar mir-responsabbiltà tal-utent tat-triq li jżomm a* proper look-out*, u dan aktar u aktar fin-nuqqas tal-imsemmija sinjali fejn is-sewwieq għandu dover aktar oneruż*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2021

Appell Numru 21/2020 LM

**Matthew Galea (K.I. nru 415894M)**

*("l-appellant")*

***vs.***

**Kunsill Lokali Żabbar**

*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Matthew Galea (K.I. nru 415894M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"], mil-lodo arbitrali numru M5491/2018 mogħti fit-22 t'April, 2020, [minn issa 'l quddiem "il-lodo

arbitrali"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "iċ-Ċentru"], li permezz tiegħu ddeċida billi ċaħad it-talbiet tiegħu fil-konfront tal-intimat **il-Kunsill Lokali Żabbar** [minn issa 'l quddiem "il-Kunsill appellat"], bl-ispejjeż kontrih ukoll.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] li seħħ fil-21 ta' Jannar, 2018 bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MJG 821 misjuqa mill-appellant fi Triq iċ-Ċimiterju, Ħaż-Żabbar, u dik misjuqa minn terz bin-numru ta' reġistrazzjoni FBT 308 f'Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri ta' arbitraġġ quddiem it-Tribunal permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Talba ppreżentati fid-9 ta' Awwissu, 2018, fejn talab sabiex il-Kunsill appellat jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident inkwistjoni minħabba n-nuqqas ta' sinjali fit-toroq fejn seħħ l-imsemmi inċident, u b'hekk jiġi kkundannat li jħallas lill-imsemmi appellant is-somma ta' tlett elef, seba' mija u tmienja u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€3,788.98), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż tal-proċedura.

4. Il-Kunsill appellat wieġeb fit-3 ta' Settembru, 2018 fejn ċaħad kull responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni, filwaqt li ssottometta li dan kien jaħti għalih unikament l-appellant riżultat tan-negliġenza tiegħu.

**Il-lodo arbitrali**

5. Fil-lodo arbitrali tiegħu, it-Tribunal għamlel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet**"*

*Illi kif ġie sottomess aktar 'l fuq, il-kawża odjerna tittratta inċident tat-traffiku illi seħħ nhar il-21 ta' Jannar 2018, fi Triq iċ-Ċimterju u Triq Wied il-Għajn, Ħaż Żabbar. Illi minkejja illi l-avviż tat-talba jirreferi għal Triq il-Fiġel bħala t-triq illi fiha ħareġ ir-rikorrenti fil-fatt it-triq relattiva kienet Triq Wied il-Għajn.*

*Illi għalkemm l-inċident seħħ bejn żewġ vetturi u ċjoe dik bin-numru ta' reġistrazzjoni MJG-821 misjuqa mir-rikorrenti u oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni FBT-308 misjuqa minn terz, r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri mhux qiegħed jallega illi l-inċident seħħ minħabba tortijiet attribwibbli lis-sewwieq tal-vettura FBT-308, iżda qiegħed isostni illi l-inċident seħħ minħabba tortijiet attribwibbli lill-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar, u ċjoe l-lokalità fejn seħħ l-inċident mertu tal-kawża, stante illi din tal-aħħar naqset milli tagħmel is-sinjali stradali appożiti.*

*Ir-rikorrent jgħid illi fil-mument tal-inċident huwa kien għadu kemm ħareġ minn ġo Triq iċ-Ċimterju għal ġo Triq Wied il-Għajn u spiċċa biex ħabat mal-vettura FBT-308 illi kienet qed tittransita ġo Triq Wied il-Għajn f'dak il-ħin. Ir-rikorrenti jikkontendi illi fil-kantuniera ta' Triq iċ-Ċimterju ma kienx hemm sinjal tal-i*Stop *u li għalhekk huwa seta' jibqa' ħiereġ.*

*Illi qabel xejn għandu jiġi rilevat illi minkejja illi r-rikorrenti jgħid illi ma kienx hemm sinjali, fl-iskizz illi saru mill-gwardjani lokali u li ġie esebit mir-rikorrenti (Dok MG) ġie effettivament identifikat mal-art sinjal tal-i*Stop*. Illi l-gwardjani lokali illi kienu ħejjew l-istess skizz ma ġewx prodotti bħala xhieda sabiex jixhdu fuq dan il-fatt u ċjoe jekk effettivament kienx hemm sinjal jew inkella le.*

*Illi huwa minnu illi rriżulta illi fil-ħin tal-inċident mertu tal-kawża kien laħaq dalam kif ukoll illi kienet ix-xita u għalhekk jista' jagħti l-każ illi s-sinjali ma kienux tant viżibbli.*

*Illi r-rikorrenti esebixxa in oltre erba' ritratti (Dok MG2) tal-post tal-inċident li juru sinjal tal-i*Stop *miżbugħ mal-art iżda jgħid illi dawn saru wara l-inċident.*

*Illi l-posizzjoni tal-Kunsill intimata mhiex waħda ċara stante illi din ma resqet ebda provi biex titfa' ftit dawl fuq jekk dan is-sinjal kien effettivament jeżisti jew inkella le fil-ġurnata tal-inċident.*

*Illi fl-umli fehma tal-Arbitru l-kwistjoni kollha timpinġi fuq x'kienet il-*kawża prossima *tal-inċident u ċjoe jekk kinitx l-fatt illi r-rikorrenti baqa' ħiereġ għal fuq triq prinċipali mingħajr ma waqaf jew jekk kienx il-fatt illi ma kienx hemm sinjal tal-i*Stop *fil-kantuniera ta' Triq iċ-Ċimiterju.*

*Illi għalhekk fl-umli fehma tal-Arbitru l-punt kollu f'din il-kawża hija jekk ir-rikorrenti kellux d-dritt illi jibqa' ħiereġ minn ġo Triq iċ-Ċimiterju mingħajr ma jieqaf sempliċement għaliex ma kienx hemm sinjal tal-i*Stop.

*Illi qabel xejn wieħed għandu jagħmel analiżi tat-toroq rilevanti sabiex jiġi stabbilit liema waħda kienet il-*major road *u liema kienet il-*minor. *Illi kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fil-kawża* ***Gasanmamo Insurance Limited Noe Et vs Vella Raymond*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-22 ta' Gunju 2005:*

> "Tali apprezzament għandu jsir l-aktar, jekk mhux esklussivament proprju fil-każijiet fejn ma hemmx sinjali li jindikaw l-importanza relativa tat-toroq għaliex altrimenti wieħed irid jobdi d-direttivi mogħtija."

*Illi fis-sentenza fuq imsemmija l-Onorabbli Qorti tal-Appell kompliet tgħid:*

> Il-liġi tagħna ma tenunzja strettament ebda regola ta' kif għandhom jiġu kwalifikati *'major'* u *'minor road'*. In-nozzjoni ta' dina d-differenza hija relattiva, u *'the same road may be a major road with regard to a particular intersection with another road, and a minor road with regard to another intersection with a different road'.*
>
> Fir-regolamenti ma hemmx definizzjoni speċjali ta' *'major'* u ta' *'minor road'*, u triq hija *major* biss in relazzjoni għal dawk it-toroq l-oħra li jikkonverġu fuqha. Kwindi żewġ *minor roads* ta' importanza ugwali huma *major* in relazzjoni għal xulxin u b'hekk jibqgħu ugwali. Minn dan jidher li l-punt li jrid jiġi deċiż huwa jekk iż-żewg toroq in kwestjoni humiex ta' importanza ugwali; dan, in bażi għall-wisgħa taż-żewg toroq, il-volum tat-traffiku li jgħaddi minnhom u d-direzzjoni tagħhom.

> Min ikun ħiereġ minn *side street* għal *main road* għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf għal kollox jew joħroġ *inching out*, u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* għandu juża grad ta' diliġenza l-iżjed għolja u viġilanza l-iżjed qawwija, billi għandu d-dmir iċedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq prinċipali, għax il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun għaddej minnha.

*Illi għalhekk kif ġie insenjat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell il-fatt illi ma jkunx hemm sinjal biex wiehed jieqaf dan b'ebda mod ma għandu jfisser illi s-sewwieq għandu d-dritt illi jibqa' ħiereg. L-obbligu illi sewwieq jieqaf u jesplora illi ma jkunx ġej traffiku qabel ma jittenta illi joħroġ ġo triq maġġuri, huwa obbligu illi jeżisti dejjem.*

*Illi fil-każ in eżami fl-umli fehma tal-Arbitru m'għandu jkun hemm dubju dwar il-fatt illi Triq Wied il-Għajn kienet il-*major road *meta komparata ma Triq iċ-Ċimiterju u li għalhekk id-dritta kienet tispetta lit-traffiku illi kien għaddej minn ġo l-istess Triq Wied il-Għajn, f'dan il-każ lill-vettura bin-numru FBT-308.*

*Illi ma jidhirx illi dan il-fatt huwa kkontestat għaliex altrimenti kien isegwi illi r-rikorrenti kien jistitwixxi dawn il-proċeduri kontra s-sewwieq ta' din il-vettura mhux kontra l-Kunsill intimat.*

*Illi kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet* ***Anthony Critien Noe vs John Pulis*** *deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ottubru 2002*

> Sewwieq li jkun qed jittanta joħroġ minn fuq triq sekondarja għal triq prinċipali huwa obbligat li jesplora sew it-triq qabel ma joħroġ, u joħroġ biss meta jkun ċert li mhuwiex se jkun ta' tfixkil għal xi traffiku ieħor li seta' kien hemm fit-triq.

*Illi l-Arbitru fl-analiżi tiegħu tal-fatti saljenti tal-każ irrid jistablixxi l-kawża prossima tal-inċident, u għalkemm huwa tal-fehma illi l-Kunsilli Lokali għandhom obbligi illi jaraw illi s-senjaletika fit-troq li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tagħhom huma dejjem miżmuma kif suppost, l-Arbitru xorta waħda ma jikkondividix it-teżi tar-rikorrenti u ċjoe illi l-inċident mertu tal-kawża seħħ minħabba n-nuqqas tas-senjaletika fit-triq.*

*Illi kif ġie spjegat aktar 'l fuq ir-rikorrenti kellu obbligu illi jieqaf fil-kantuniera ta' Triq iċ-Ċimiterju u l-fatt illi ma kienx hemm sinjal biex jieqaf ma jfissirx illi huwa kellu d-dritt illi jibqa' ħiereġ.*

*Illi kif ġie stabbilit fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri fil-kawża fl-ismijiet* ***Stanley Spiteri vs Joseph Mercieca*** *nhar il-4 ta' Mejju 2005*

> Id-driver li jkun dieħel minn *side road* għal ġo *main road* għandu ċerti doveri x'josserva, fosthom dak li jċedi għat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road*, qabel ma joħroġ fiha, u dak li jmexxi *dead slow*, u saħansitra jieqaf biex jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara. Huwa għandu juża grad ta' diliġenza l-iżjed għolja u viġilanza l-iżjed qawwija billi għandu d-dmir li jċedi lit-traffiku li jkun fit-triq prinċipali, għax il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun għaddej minnha.

*Illi kif ġie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Hugh P Zammit noe vs Keith Farrugia** nhar il-28 ta' Ġunju 2001*

> F'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilità għall-inċident awtomobilistiku l-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tħaris u l-ksur tagħhom li jaddebitaw ir-responsabilità u mhux l-ekwità u ġudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li waħdu jista' jipprevjeni l-incidenti.

*Illi għalhekk għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Arbitru huwa moralment konvint illi l-inċident tat-traffiku illi seħħ nhar il-21 ta' Jannar 2018, ġo Triq Wied il-Għajn Ħaż Żabbar seħħ unikament minħabba tortijiet attribwibbli lir-rikorrenti li baqa' ħiereġ minn ġo triq sekondarja għal ġo triq prinċipali mingħajr ma żamm* a proper look out.

*Illi kif ġie spjegat aktar 'l fuq anke fuq insenjament tal-ġurisprudenza nostrana, ġia la darba kien jinkombi fuq r-rikorrenti l-obbligu illi jieqaf qabel ma jittenta illi jidħol ġo triq prinċipali rrispettivament mill-fatt jekk kienx hemm sinjal tal-istop jew inkella le, il-fatt jekk kienx hemm jew inkella le sinjal tal-istop fil-kantuniera ta' Triq iċ-Ċimiterju huwa fl-umli fehma tal-arbitru rrilevanti u dana għaliex dan il-fattur ma kkontribwixiex għall-inċident mertu tal-kawża, u dana għaliex li kieku r-rikorrenti waqaf fil-kantuniera ta' Triq iċ-Ċimiterju kien obbligat illi jagħmel l-inċident kien jiġi evitat".*

## L-Appell

6. L-appellant ħass ruħu aggravat bil-lodo arbitrali u interpona appell fit-12 ta' Ġunju, 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka l-imsemmi lodo, u

minflok tilqa' t-talbiet kollha tiegħu, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-Kunsill appellat. Jgħid li l-aggravji huma s-segwenti: (i) it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi; u (ii) it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tar-responsabbiltà u tal-obbligi tal-Kunsill appellat.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. Il-Kunsill appellat wieġeb fis-7 ta' Lulju, 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-appellant, filwaqt li tikkonferma l-lodo arbitrali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-Kunsill appellat, u dan fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali.

9. L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament żbaljat tal-provi li allegatament għamel it-Tribunal. L-appellant jissottometti li t-Tribunal donnu kkonstata li s-sinjal "STOP" fl-art kien jeżisti, iżda ma tantx kien viżibbli minħabba d-dlam u x-xita. Dan meta l-appellant u anki l-passiġġiera riekba miegħu kkonfermaw li ma kien hemm l-ebda sinjal tat-traffiku mkien. Fid-dawl ta' din ix-xhieda, ma kienx hemm bżonn li jittellgħu jixhdu l-gwardjani, meħud ukoll inkonsiderazzjoni li min-naħa tiegħu l-Kunsill appellat ma kkontestax l-imsemmija xhieda. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tar-responsabbiltà u tal-obbligi tal-Kunsill appellat billi

kkonsidra biss l-għemil tal-appellant. Skont hu, it-Tribunal kien tenut l-ewwel jistabbilixxi jekk kienx hemm sinjali mal-art, u mbagħad kellu jikkonsidra jekk in-nuqqas tagħhom tawx lok għall-inċident, għaliex il-kawża odjerna kienet proprju dwar danni akwiljani. L-appellant jagħmel riferiment għall-obbligi tal-Kunsilli Lokali skont il-Kap. 363, u jiċċita l-para. (a) tas-subartikolu 33(1) tiegħu, filwaqt li jissottometti li t-Tribunal naqas milli jsemmi l-obbligu tal-Kunsilli Lokali li jipprovdu u jżommu sinjali u marki tat-toroq adegwati. Jgħid li l-argument it-Tribunal dwar *major* u *minor road* kien wieħed insostenibbli fiċ-ċirkostanzi, għaliex huwa ma setax minħabba nuqqas ta' sinjali, jagħraf id-differenza bejniethom. Kien biss permezz tas-sinjali li l-inċident seta' jiġi evitat. L-appellant jiċċita siltiet minn diversi sentenzi tal-Qrati tal-Appell sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu dwar ir-responsabbiltà ta' entitajiet pubbliċi li jassiguraw is-sigurtà fit-toroq pubbliċi. Jagħlaq billi jissottometti li anki jekk huwa kellu parti mill-ħtija għall-akkadut, in-nuqqas ta' sinjali fit-triq ma kinux jeżoneraw kompletament lill-Kunsill appellat mir-responsabbiltà tiegħu.

10. Il-Kunsill appellat min-naħa tiegħu jinsisti li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni tiegħu fuq il-provi li ressaq l-appellant stess. Jgħid li l-appellant ma kellu l-ebda impediment sabiex saħansitra itella' jixhed lill-Gwardjan Lokali li x-xhieda tiegħu kellha tkun l-aħjar prova. Wara kollox, ikompli jissottometti l-Kunsill appellat, min jallega għandu jressaq il-provi u fil-każ odjern ir-ritratti esebiti kienu evidenza li kien hemm s-sinjali fit-triq. Dwar it-tieni aggravju, il-Kunsill appellat jissottometti li ma jaqbilx li t-Tribunal kkonsidra biss l-għemil tal-appellant. Jgħid li fl-ebda ħin it-Tribunal aċċetta li ma kienx hemm sinjali fit-triq, iżda mar oltre u fittex sabiex isib il-kawża prossima tal-inċident.

Jissottometti li l-fatt li huwa kellu diversi responsabbilitajiet, ma kienx jeżonera lill-appellant mill-obbligi tiegħu li ma rnexxilux jissostanzja t-teżi tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi. Huwa fil-fatt kien naqas milli jaġixxi bil-prudenza, diliġenza u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, meta kien huwa stess li ammetta li baqa' ħiereg minn Triq iċ-Ċimiterju għal ġo Triq Wied il-Għajn. Il-Kunsill appellat itemm is-sottomissjonijiet tiegħu billi jsostni li ż-żamma ta' *proper lookout* għandha tiġi eżerċitata sakemm persuna tkun fil-kontroll ta' vettura.

11. Il-Qorti tgħid li l-argument tal-appellant huwa msejjes fuq l-interpretazzjoni li huwa ta lill-lodo arbitrali fejn it-Tribunal qal *"huwa minnu illi rriżulta illi fil-ħin tal-inċident mertu tal-kawża kien laħaq dalam kif wkoll illi kienet ix-xita u għalhekk jista' jagħti l-każ illi s-sinjali ma tantx kienu viżibbli".* Iżda aktar tard fil-lodo arbitrali tiegħu, it-Tribunal jgħid ukoll *"...l-punt kollu f'din il-kawża hija jekk ir-rikorrenti kellux d-dritt illi jibqa' ħiereġ minn ġo Triq iċ-Ċimiterju mingħajr ma jieqaf sempliċement għaliex ma kienx hemm sinjal tal-istop"* u għalhekk it-Tribunal ħa inkonsiderazzjoni xena fejn ma kienx hemm sinjali fl-art proprju kif talab l-appellant. It-Tribunal iċċita wkoll minn sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu li bl-ebda mod ma jista' jfisser li s-sewwieq għandu d-dritt li jibqa' ħiereġ, jekk ma jkunx hemm sinjali fl-art.

12. Din il-Qorti tqis li huma tajbin l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal hawnhekk, u tajba wkoll hija d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tar-responsabbiltà o meno tal-Kunsill appellat għall-inċident. L-argumenti li jressaq l-appellant huma pjuttost kontradittorji għal xulxin, għaliex fl-istess rikors tal-appell huwa

jsostni li it-Tribunal kellu qabelxejn jistabbilixxi jekk kienx hemm sinjali fit-triq, fatt li din il-Qorti sabet li ġie stabbilit, u mbagħad kellu jikkonsidra jekk in-nuqqas ta' dawk is-sinjali waslux sabiex seħħ l-inċident u t-Tribunal kif rajna aktar 'il fuq, hekk għamel, iżda sab li l-inċident kien jaħti għalih l-appellant waħdu.

13. Il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tal-appellant dwar fuq min għandha taqa' r-reponsabbiltà għall-inċident. Qabelxejn għandu jingħad li għalkemm jidher li l-appellant qed isostni li l-Kunsill appellat huwa ħati *in parte* għaliex naqas mill-obbligu tiegħu li jagħmel u li jżomm is-sinjali fit-triq, huwa jitlob sabiex l-imsemmi Kunsill appellat jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident u għad-danni riżultanti lill-appellant. Il-Qorti tgħid li kwalunkwe nuqqas ta' sinjali fit-toroq li jista' jirriżulta, qatt ma jista' jnaqqar mir-responsabbiltà tal-utent tat-triq li jżomm *a proper look-out,* proprju kif sostna t-Tribunal, u dan aktar u aktar fin-nuqqas tal-imsemmija sinjali fejn is-sewwieq għandu dover aktar oneruż.

14. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li l-aggravji tal-appellant huma ġustifikati u tiċħadhom.

**<u>Deċide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tiċħad ukoll it-talbiet tal-appellant u tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**